MALTA

# TRIBUNAL TA' REVIZJONI AMMINISTRATTIVA

## MAGISTRAT DR.

## CHARMAINE GALEA

Seduta ta' l-14 ta' April, 2015

Rikors Numru. 49/2014

**Joseph Sammut**

**Vs**

**Ministru tal-Finanzi**

**It-Tribunal,**

Ra r-rikors ta' **Joseph Sammut** ipprezentat fit-13 ta' Gunju 2014 li permezz tieghu ippremetta s-segwenti:-

*"Illi l-esponent kellu r-residenza permanenti tieghu gewwa l-Ingilterra u fil-gimghat li ghaddew haseb sabiex huwa jirritorna gewwa l-gzejjer Maltin.*

*Illi huwa eventwalment dahal f'kuntatt mal-Ministeru konvenut sabiex japplika ghal 'motor vehicle registration tax' ai termini tal-artiklu 19 tal-Kap 368, Att Dwar ir-Registrazzjoni u l-Licenzjar ta' Vetturi bil-Mutur, u ezenzjoni ta' taxxa fuq ir-registrazzjoni ta' vetturi bil-mutur, ai termini tal-Avviz Legali 440 tal-2013 per konsegwenza ta' trasferiment tar-residenza.*

*Illi permezz ta' ittra datata nhar l-4 ta' April 2014, kopja ta' liema ittra qieghda tigi hawn annessa u mmarkata Dok A, huwa gie nfurmat illi l-applikazzjoni tieghu kienet giet milqugha u li konsegwentement huwa kien qieghed jigi ssollecitat jirregistra l-istess vettura tieghu, Land Rover Discovery, numru ta' registrazzjoni H937JRX quddiem l-awtorita` kompetenti, responsabbli mit-trasport f'Malta.*

*Illi naturalment kellu jsir billi jithallas dak kollu li kien dovut f'application processing fees, u taxxa ohra dovuta lil entitajiet ohra governattivi.*

*Illi sussegwentement, permezz ta' ittra datata nhar it-22 ta' Mejju 2014, annessa u mmarkata Dok B, l-esponent kien gie nfurmat illi d-decizjoni originali li kienet ittiehdet fil-konfront tieghu kienet qieghda tigi rtirata, u li huwa ma kienx ghadu eligibbli ghall-ezenzjoni imsemmija, u dana wara li l-istess vettura kienet giet spezzjonata minn rapprezentanti tat-technical unit fi hdan it-Transport Malta.*

*Illi r-raguni li inghata l-esponent f'din it-tieni ittra kienet fis-sens illi l-vettura in kwistjoni kienet taqa' fil-kategorija ta' vettura N1, u li l-ezenzjoni kienet tapplika biss ghal vetturi klassifikati bhala M1, ai termini tal-ligi sussidjarja SL368.01.*

*Illi l-esponent hass ruhu aggravat minn din id-decizjoni u permezz tal-prezenti huwa qieghed jinterponi dan l-umli appell tieghu.*

*Illi l-aggravju huwa car u manifest u jikkonsisti fis-segwenti.*

*Illi effettivament jidher li r-raguni ghalxiex l-awtorita` koncernata hadet din it-tip ta' decizjoni kienet peress illi l-istess awtorita` kienet tal-opinjoni illi l-vettura li ghaliha qieghda ssir riferenza hija vettura ta' tip kummercjali u ghalhekk ma taqax fil-kategorija ta' vettura tat-tip M1.*

*Illi madanakollu, bid-dovut rispett, jinghad li din id-decizjoni ttiehdet fuq premessa ghal kollox zbaljata, kif ser jigi ppruvat ulterjorment waqt is-smieh u t-trattazzjoni ta' dan il-kaz.*

*Illi l-ligi sussidjarja 368.01, regolament numru 4(2), riprodott testwalment jghid is-segwenti:*

> *(2) L-ezenzjoni taht l-artikolu 19(3)(f) tal-Att tinghata fir-rigward ta' vettura bil-mutur M1 jew cikletta li tkun il-proprjeta' personali ta' individwu u tkun qieghda tigi impurtata jew tkun qieghda tingieb f'Malta minn dak l-individwu meta jkun qieghed jittrasferixxi r-residenza normali tieghu minn post barra minn Malta ghal post f'Malta.*

*Illi in segwitu l-esponent jissottometti illi l-applikazzjoni tieghu tissodisfa l-kriterji kollha sabiex l-istess vettura tkun hekk registrata bhala wahda li taqa' fil-kategorija M1.*

*Illi fil-fatt l-esponent ser ikun qieghed jaghmel kuntatt mal-awtoritajiet Inglizi u l-mother company ta' Land Rover sabiex jottjeni d-dokumentazzjoni relattiva sabiex jigi ppruvat illi vettura ta' dan it-tip ma kienet qatt meqjusa jew registrata bhala vettura kummercjali.*

*Illi ghal kull buon fini l-esponent qieghed ukoll jannetti estratt ta' dokumentazzjoni relattiva ghall-vettura in kwistjoni, immarkat bhala Dok C.*

*Ghaldaqstant l-esponent jitlob reverentement illi dan it-Tribunal joghgbu jhassar, jirrevoka u jikkancella d-decizjoni tal-Ministeru kif kontenuta fl-ittra tal-awtorita` datata nhar it-22 ta' Mejju 2014 u konsegwentement jordna illi l-applikazzjoni tieghu ghall-ezenzjoni mit-taxxa ta' registrazzjoni ai termini tal-Kap 368, u l-Avviz Legali numru 440 tal-2013 tigi milqugha mill-gdid, salv kull provvediment iehor xieraq u opportun. "*

Ra r-risposta tal-**Ministru tal-Finanzi** ipprezentata fl-10 ta' Lulju 2014 li permezz taghha eccepixxa s-segwenti:-

*"*

1. *ILLI fl-ewwel lok, għal kull buon fini, jiġi rilevat illi sal-lum, għadha ma saret l-ebda notifika ta` dan ir-rikors lill-Uffiċċju ta` l-Avukat Ġenerali ai termini tas-**subartikolu 3 ta` l-Artikolu 181B tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta` Malta**, u għalhekk, għalkemm il-Ministru tal-Finanzi ġie notifikat fl-20 ta' Ġunju 2014, it-terminu ta` għoxrin jum skont dan l-istess subartikolu għadu ma bediex jiddekorri ġialdarba ma saritx tali notifika;*

2. *ILLI fit-tieni lok u **in linea preliminari** l-esponent Ministru għall-Finanzi jeċċeppixxi illi r-rikors promotur ġie intavolat tardivament stante illi l-**perjodu** perentorju ta' wieħed u għoxrin ġurnata sabiex wieħed jappella ai termini tar-**regolament 4(11) tar-Regoli dwar Eżenzjoni mit-Taxxa tar-Reġistrazzjoni ta' Vetturi bil-Mutur [Leġislazzjoni Sussidjarja 368.01 kif emendata bl-Avviż Legali 440 tas-sena 2013], ma ġiex osservat;***

3. *ILLI* ***fil-mertu*** *l-esponent jeċċepixxi illi l-allegazzjonijiet kollha tar-rikorrenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt u dan kif ser jiġi muri fil-mori ta' dan ir-rikors;*

4. *ILLI l-esponent jirrileva illi kien hemm raġunijiet validi skont il-liġi li fuqhom ġiet ibbażata d-deċiżjoni ta' rifjut għall-eżenzjoni tat-taxxa ai termini tar-* ***Regolament 4 (2) tar-Regoli dwar Eżenzjoni mit-Taxxa tar-Reġistrazzjoni ta' Vetturi bil-Mutur [Leġislazzjoni Sussidjarja 368.01 kif emendata bl-Avviż Legali 440 tas-sena 2013]****, fejn l-imsemmi regolament jgħid illi "L-eżenzjoni taħt artikolu 19 (3) tingħata fir-rigward* ***ta' vettura bil-mutur M1 jew ċikletta*** *li tkun propjeta' personali ta' individwu u tkun qegħda tiġi impurtata jew tkun qiegħda tinġieb f'Malta minn dak l-individwu meta jkun qiegħed jittrasferixxi r-residenza normali tiegħu minn post barra minn Malta għal post f'Malta";*

5. *ILLI fil-każ odjern irriżulta li l-vettura tal-marka Land Rover Discovery Turbo Diesel bin-numru tar-reġistrazzjoni barrani H937 JRX ma taqax taħt il-kategorija rikjesta mil-liġi għall-eżenzjoni tat-taxxa għaliex kif ser jiġi muri waqt it-trattazzjoni ta' dan ir-rikors* ***l-imsemmija vettura taqa' fil-kategorija N1*** *u allura la hi bil-mutur M1 u lanqas hi ċikletta;*

*6. Illi għaldaqstant, l-applikazzjoni tar-rikorrent ġiet miċħuda stante li hu ma ssodisfax il-kriterji stabbiliti fl-imsemmi Regolament;*

*Salv eċċezzjonijiet ulterjuri, jekk ikun il-każ;*

***Għ****aldaqstant, l-esponent jitlob bir-rispett li dan l-Onorabbli Tribunal jogħġbu jiċħad it-talba kif dedotta fir-Rikors Promotur; bl-ispejjeż kontra r-rikorrent."*

Ra illi fost l-eccezzjonijiet tal-Ministru intimat, it-tieni eccezzjoni hija wahda ta' natura preliminari u ghalhekk ra li jkun opportun li din tigi trattata u deciza qabel jigi nvestit il-mertu proprju;

Sema' x-xhieda bil-gurament tar-rikorrent u ta' Carmelo Attard;

Sema' t-trattazzjoni tal-partijiet dwar it-tieni eccezzjoni tal-Ministru intimat;

Ra n-nota ta' referenzi tal-Ministru intimata pprezentata fit-3 ta' Marzu 2015;

Ra li r-rikors thalla ghal-lum ghal sentenza preliminari dwar it-tieni eccezzjoni tal-Ministru intimat dwar it-tardivita` tal-appell;

**Ikkunsidra:**

Illi jirrizulta illi r-rikorrent issottometta applikazzjoni sabiex jigi ezentat milli jhallas it-taxxa ta' registrazzjoni fuq il-vettura tal-ghamla Land Rover Discovery bin-numru ta' registrazzjoni H937JRX u dan ai termini tal-Kapitolu 368 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Legislazzjoni Sussidjarja 368.01.

Illi mid-dokumenti esebiti mar-rikors promutur jirrizulta illi fl-4 ta' April 2014 intbaghtet ittra minghand it-*Transfer of Residence Exemption Board* (iktar 'il quddiem imsejjah "il-Bord) li permezz taghha ir-rikorrent gie infurmat illi l-applikazzjoni tieghu ghall-ezenzjoni mit-taxxa ta' registrazzjoni kienet giet approvata. Fl-istess ittra gie infurmat li kellu jirregistra l-istess vettura mad-Direttorat tat-Trasport fuq l-Art.[1]

Illi sussegwentement, intbaghtet ittra ohra datata 22 ta' Mejju 2014, fejn ir-rikorrent gie infurmat mill-istess Bord, illi l-ezenzjoni moghtija fl-ittra tal-4 ta' April kienet qieghdha tigi revokata peress li rrizulta li l-vettura tieghu taqa' fil-kategorija N1 u mhux M1. Ir-rikorrent gie infurmat ukoll illi seta' jappella tali decizjoni fi zmien wiehed u ghoxrin (21) gurnata mid-data tal-istess decizjoni.[2]

Illi ai termini tar-Regolament 4 (11) tal-Legislazzjoni Sussidjarja 368.01 (Regoli Dwar Ezenzjoni mit-Taxxa tar-Registrazzjoni Ta' Vetturi Bil-Mutur*)* *"Applikant li jhossu aggravat b'decizjoni tal-Bord jista' jappella lit-Tribunal skont id-dispozizzjonijiet tal-Att dwar il-Gustizzja Amministrattiva* ***fi zmien wiehed u ghoxrin gurnata minn meta d-decizjoni tkun giet pubblikata kif provdut fis-subregola (7)."***

Illi s-subregola (7) tghid is-segwenti*: "Applikazzjoni taht din ir-regola ghandha tigi processata u deciza mill-Bord u d-decizjoni tal-Bord* ***ghandha tigi pubblikata fuq il-website tal-Ministeru responsabbli ghall-Finanzi****. Il-Bord*

[1] Dok A a fol. 5 tal-process
[2] Dok B a fol. 6 tal-process

*ghandu wkoll jibghat kopja ta' dik id-decizjoni bil-posta registrata lill-applikant fl-indirizz specifikat fl-applikazzjoni u, fejn provdut, ukoll b'mezzi elettronici."*

Illi kwindi t-terminu tal-appell ta' wiehed u ghoxrin gurnata **jiskatta minn meta d-decizjoni tigi pubblikata** fuq il-*website* tal-Ministeru responsabbli ghall-Finanzi.

Illi dan it-Tribunal sema' lir-rikorrent u lil Carmelo Attard jixhdu dwar kif meta huwa rcieva d-decizjoni tal-Bord in kwistjoni ir-rikorrent kien rikoverat gewwa sptar fl-Ingilterra wara li kien tela' biex jaghmel operazzjoni wara li kellu incident hawn Malta.

Illi t-Tribunal jibda biex josserva illi huwa fatt li fil-verita` ma kienx ir-rikorrent innifsu li rcieva l-ittra datata 22 ta' Mejju 2014, pero kienu familjari tieghu. Jinghad ukoll illi fl-istess ittra kien hemm indikat b'mod mill-iktar car illi appell mill-istess decizjoni kellu jsir fi zmien wiehed u ghoxrin gurnata mid-data tal-istess ittra. Dan ifisser li min ircieva l-ittra, anke jekk ma kienx ir-rikorrent innifsu, kien infurmat li kellu jagixxi f'dawk il-parametri. Min-naha l-ohra it-Tribunal jista' japprezza d-diffikulta` li forsi kellhom il-familjari tar-rikorrent, biex f'mument xejn felici, jikkomunikaw mieghu l-istess decizjoni.

Madankollu dan it-Tribunal jaghmel referenza ghall-kawza fl-ismijiet **Carmel Mercieca vs Kummissarju tat-Taxxa Fuq il-Valur Mizjud**[3] fejn ir-rikorrent f'dik il-kawza pprova jiggustifika t-tardivita` ta' l-appell tieghu minn stimi mahruga kontrih mill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud minhabba mard gravi. Il-Qorti ta' l-Appell ma laqghetx din l-iskuzanti u osservat "*illi t-termini, legalment imposti jew kontrattwalment akkordati, huma dejjem, u f'kollox, ta' massima importanza. Mill-punto di vista ta' l-ordinament procedurali taghna t-termini "huma jew gudizzjarji, li billi huma imposti mill-ligi jissejhu wkoll legali jew gudizzjali, li huma dawk it-termini li timponi l-Qorti" (Joseph Tabone nomine v. John Mousu proprio et nomine" Appell Kummercjali, 6 ta' Lulju 1993). It-termini gudizzjarji, li jikkoncernaw a propozitu il-kaz taht ezami, huma, imbaghad, klassifikati bhala perentorji jew ordinatorji. Il-Ligi taghna donnha tohloq presunzjoni tal-karattru ordinatorju ta' dawn it-termini legali. Dan kif desumibbli minn ezami ta' certi disposizzjonijiet generali tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, senjatament l-Artikolu 106 tieghu. Naturalment anke jekk ma jkunx jinghad expressis li certu terminu hu wiehed perentorju dan il-karattru jista' jitnissel aliunde anke mill-effetti li jipproduci d-dekors tat-terminu dipendenti, s'intendi, mis-*

[3] Qorti ta' l-Appell (Inferjuri) deciza fil-25 ta' Jannar 2006

*sanzjoni espressa fin-norma li tkun. Ara, ad ezempju, Artikolu 963 tal-Kapitolu 12. Anke jekk b'riflessjoni ghall-elementi ta' l-azzjoni ta' spoll, titqies valida l-enuncjazzjoni li ghamlet il-Qorti ta' l-Appell fid-decizjoni riportata a Vol. XXIV pI p276: Secondo I principii di diritto quando la legge stabilisce un termine entro cui un atto si deve compiere, quel termine anziche di prescrizione è termine di decadenza nel senso che decorso quell termine quell'atto non sarebbe più ammissibilie. Ghandu jinghad ukoll illi terminu legali perentorju ma jistghax jiggedded jew, b'xi mod sanata n-nuqqas ta' l-osservanza tieghu. Hu inerenti ghan-natura stess ta' terminu bhal dan l-inderogabilità tieghu w allura dan ma jistax jircievi sanatorja jew rimessjoni fit-terminu tkun xi tkun ir-raguni. Fi kliem iehor it-terminu perentorju ma jistghax jigi prorogat, lanqas bi ftehim bejn il-partijiet. Dik il-proroga hi possibbli biss ope legis bhal fil-kaz fejn l-ahhar jum ghall-prezentata ta' att ikun jum tas-Sibt jew tal-Hadd jew jum ta' festa. Ara "Dimech Enterprises Ltd. v. Il-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud" Appell, 23 ta'Gunju 2004. Jekk wiehed joqghod ghal dak li nghad s'issa ftit hemm dubju illi, minn kif koncepit l-artikolu rilevanti [Reg. 4(1)(d) tas-Sitt Skeda ta' l-Att XII ta' l-1994] – fil-kaz in ezami r-Regola 4(1)(d) tad-Disa' Skeda tal-Kap.406 tal- Ligijiet ta' Malta – it-terminu fih prefiss ghall-appell kontra stimi hu wiehed perentorju, u konsegwentement fatali, tant li l-kliem introduttivi tad-disposizzjoni jaffermaw illi jekk ma jkunx hemm l-osservanza tieghu, l-appell "ma jkunx validu". Ara, fost ohrajn, in tema sentenzi ta' din il-Qorti, kif presjeduta, in re: "Martin Briffa v. Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud" 24 ta' Novembru 2003 u "Blevins Franks International Ltd. v. Il-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud" 4 ta' Mejju 2005. Anke kieku stess però dak it-termini ta' tletin jum mid-data tan-notifika ta' l-avviz li kontrih isir l-appell, kellu jitqies terminu legali ordinatorju li, skond l-Artikolu 106, Kapitolu 12, jippermetti t-tigdid tieghu ghal raguni tajba, ma jirrizultax lanqas imbaghad, f'dan il-kaz illi talba bhal din saret "fiz-zmien li tieghu jintalab it-tigdid" ossija qabel l-iskadenza tat-terminu utili stabbilit ghall-appell (Kollez. Vol. XXXIII pI p321). Lanqas permezz ta' talba ad hoc fi procedura appozita ghar-restituzzjoni in integrum. Procedura din li jrid jinghad kienet permissibbli fi zminijiet imghoddija. Ara Kollez. Vol. XXIX pI p276 u Kollez. Vol. XXXIV pI p348….anke kieku l-Qorti kellha toqghod fuq il-portata tac-certifikat mediku datat 29 ta' Ottubru 1998 (u mhux ukoll dak datat 19 ta' Mejju 2003 prezentat wara s-sentenza tal-Bord), li baqa' mhux konfermat, l-istess ikollu jinghad li din il-Qorti mhix konvinta li tista' tirrikonoxxi fih sitwazzjoni ta''raguni tajba", certa w objettiva li kienet talment timpedixxi lill-appellat mill-osservanza tat-terminu f'dak il-mument u ghal dik ir-raguni. Opportunatament ghandu jigi mfakkar illi t-termini procedurali ma jistghu qatt jithallew fid-diskrezzjoni ta' xi wahda mill-partijiet jew, li hu aghar, jigu injorati minn min hu msejjah biex jiggudika. Anke jekk mhux espressament riferibbli ghall-fattispeci tal-kaz de quo, il-Qorti taghmel taghha l-osservazzjoni maghmula mill-Qorti ta' l-Appell fid-decizjoni "Kummissarju tat-Taxx fuq il-Valur Mizjud v. George Schembri" 6 ta' Ottubru 2000, u cjoe, li "l-Qrati (u dan jghodd ukoll ghat-tribunali ta' kull speci) huma obbligati li japplikaw u jinterpretaw il-ligijiet tal-pajjiz kif promulgati mill-Parlament u ma ghandhom ebda diskrezzjoni la li jinjorawhom, la li jadottawhom b'mod approssimattiv skond kif jidhrilhom li jkun gust u ekwu fic-cirkostanzi, u wisq anqas li jissanzjonaw proceduri li l-ligijiet tal-pajjiz ma jippermettux li jigu improvvizati, f'dawk ic-cirkustanzi, bil-konsegwenza li jigu newtralizzati w emaskolati proceduri ohra espressament provvduti bil-ligi".*

Illi. pero`, mghadud dan kollu, dan it-Tribunal josserva illi dak li kien hemm imnizzel fl-ittra datata 22 ta' Mejju 2014 ma jirriflettix fedelment dak li jghid regolament 4 (11) tal-Legislazzjoni Sussidjarja 368.01 fir-rigward minn meta

jiskatta t-terminu tal-appell. U dan ghaliex filwaqt li fl-imsemmija ittra hemm imnizzel li t-terminu ta' l-appell ta' wiehed u ghoxrin gurnata jiskatta mid-data tal-istess decizjoni, l-imsemmi Regolament jghid li t-terminu tal-appell **jiskatta minn meta d-decizjoni tigi pubblikata fuq il-*website* tal-Ministeru.**

Illi nonostante li l-Ministru intimat eccepixxa li kien skada t-terminu prefiss mil-ligi, huwa ma gab l-ebda prova meta effettivament l-istess decizjoni giet pubblikata fuq il-*website* imsemmija. Illi kif hu ben stabbilit dan it-Tribunal jista' jiehu konjizzjoni biss ta' fatti li jinsabu *in atti* u josserva li fl-atti m'hemm l-ebda prova dokumentarja tal-istess pubblikazzjoni. Kwindi dan it-Tribunal, ghalkemm ghandu quddiem decizjoni datata 22 ta' Mejju 2014, ma ghandux il-prova li l-istess decizjoni giet ippubblikata fl-istess gurnata fuq il-*website* tal-Ministeru. Ghalhekk ma jistghax effettivament jiddikjara li l-appell odjern gie pprezentat *fuori termine*.

Ghaldaqstant, in mankanza ta' tali prova, it-Tribunal qieghed jichad it-tieni eccezzjoni tal-Ministru intimat.

Bl-ispejjez tal-istess eccezzjoni kontra l-istess Ministru intimat.

## < Sentenza In Parte >

--------------------------------TMIEM--------------------------------